SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 28/KA2/17

18 t'April 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa – Viċi-Ċermen
Joe Oliva – Membru
Richard Scicluna – Membru
Guido Dalli - Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Membru Maria Dolores Falzon informat lill-Kumitat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**28.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

28.01.01 Il-Membru Maria Dolores Falzon informat lill-Kumitat li ma tistax tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali għalhekk ġiet skużata.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

28.02.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 27/KA2/17 għall-approvazzjoni.

28.02.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

28.02.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

28.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**28.03 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

28.03.01 Ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni miċ-Ċermen.

**28.04 Talbiet żgħar**

28.04.01 Ma kien hemm l-ebda talbiet żgħar

**28.05 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2017**

28.05.01 Il-Kumitat Amminsitrattiv ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2017.

28.05.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li dan ir-rapport jitressaq għall-approvazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li jridu jsiru xi aġġustamenti żgħar.

**28.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

28.06.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P495 sa nru. P501 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

28.06.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

28.06.03 Il-Membru Richard Scilcuna ssekondah.

28.06.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**28.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

28.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

28.07.02 Il-Membru Joe Oliva astjena minħabba li ma jridx jieħu responsabbiltà' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhu d-dubju fuq il-kwalità tax-xogħol.

28.07.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

28.07.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

28.07.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**28.08 Materji oħra**

28.08.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li terġa' ssir *barrier* fi Triq San Ġorġ kantuniera ma Triq Spinola, quddiem id-Dick's Bar minhabba li tinsab ta' periklu għall-pubbliku.

28.08.02 Ġie deċiż unanimament li terġa' tintbagħat reminder lill-Pulizija dwar *is-sandwich boards* li jinsabu fi Triq Ross fejn il-Ġnien ta' Spinola.

28.08.03 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tintgħalab laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u jekk jkun hemm bżonn mal-*Water Services Corportation* sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-ġbir tal-ilma tax-xita fi Triq il-Knisja ħdejn La Maltija Restaurant.

**28.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.9.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.20p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Mejju 2017.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**